**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Hamis 26 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 545/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RB**

**Vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RB datat 3 ta' Diċembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-Tlieta (03) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (2001) fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, Ħaż-Żabbar, Malta, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv 180/2001 hawn anness u mmarkat bħala Dok RB 01;*

*Illi minn dan iż-żwieġ, nhar X twieled tifel bl-isem ta' GB.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin għal aktar minn erba' (4) snin. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Dorianne Arapa datat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok RB 02 ;*

*Illi r-rikorrenti raġel dejjem onora l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni fosthom il-ħlas tal-manteniment għal wild cioe GB;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn erba' (4) snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin,*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin;*

*Illi għalhekk il-partijiet ma għandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta,*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat nhar it-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed (2001) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-*divorzju *bejniethom;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat mill-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;*

*Bl-ispejjeż kollha jkunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet u bl-inġunzjoni tal-konvenuta mnn issa għas-*subizzjoni.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Illi l-intimata MB dehret quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020 ( fol 22 ) u wara li l-Qorti spjegatilha id-drittijiet legali tagħha, l-intimata għażlet li ma tkunx assistita minn avukat difensur u ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni għad-divorzju;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi ir-rikorrenti RB xehed (vide affidavit Dok RB03, fol 5) illi huwa iżżewweġ lill-martu fit-3 ta' Marzu 2001 u li minn dan iż-żwieġ twieled tifel. Illi l-partijiet isseparaw fl-24 ta' Mejju tas-sena 2012. Illi ma hemmx arretrati ta' manteniment fil-konfront tat-tifel tal-partijiet. Huwa stqarr li ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni.

Illi r-rikorrenti RB xehed bil-ġurament (fol 23) ikkonferma dak li xehed bl-affidavit (Dok RB03, fol 5) u ddikjara illi t-tifel imwieled miż-żwieġ illum għandu 18-il sena u għadu jistudja. Xehed illi mid-data ta' separazzjoni 'l hawn, qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Finalment xehed ukoll illi l-manteniment lejn ibnu dejjem tħallas u ma hemm l-ebda arretrati tal-istess.

Illi l-intimata MB xehdet bil-ġurament (fol 27) u ikkonfermat u ikkoraborat dak illi xehed bil-ġurament RB.

Illi r-rikorrenti informa lil din il-Qorti li r-rikorrenti huwa lest li jkopri l-kap tal-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri – ara verbal fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2020 (fol 22)

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew***

***ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Marzu 2001 (Vide dok RBO1 , fol 6) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom wild wieħed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 24 ta' Mejju 2012 (vide Dok.R B02 fol 7 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**